**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 44 / 2021**

**Il-Pulizija**

**Spettur Frankie Sammut**

**vs**

**Yassine Najah**

Illum 14 t'Ottubru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Yassine Najah detentur tan-Numru tal-Pulizija FC 5653892, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1. fis-6 ta' Gunju 2019 u / jew fil-granet ta' qabel f' Malta ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f' passaport jew dokument, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport jew dokument li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil fihom (Kap. 61, Art. 5), u ;

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap. 9, Art 189), u;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr awtorità legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att, li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217, Art. 32 (1) (f).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Frar, 2021, fejn il-Qorti filwaqt li illiberat lill-imputat mit-tieni imputazzjoni peress li din ma' irrizultatx, sabithu hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet (Kap. 61, Art. 5 u Kap 217, Art. 32 (1) (f) rispettivament) u bl-applikazzjoni ta' tnaqqis bi grad wiehed ai termini tal-Artikolu 37 (2) tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' erba' (4) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Yassine Najah minnhu pprezentat fit-23 ta' Frar, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u **tirriforma** s-sentenza appellata kif gej:

(a) **Tikkonfermaha** fil-parti fejn huwa gie dikjarat mhux hati u minnha illiberatu cjoe t-tieni (2) il-imputazzjoni.

(b) **Thassarha u tirrevokaha** fil-parti fejn sabitu hati cjoe l-ewwel (1) il-imputazzjoni u t-tielet (3) il-imputazzjoni u tiddikjarah mhux hati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-ligi.

**Alternattivament, u minghajr pregudizju**, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassara fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u dana qed jinghad ghar-rigward tal-htija tal-imputat li per konsegwenza hija "*unsafe and unsatisfactory*".

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti **t-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi bl-akbar rispett l-esponenti ma kellux jinstab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u t-tielet (3) imputazzjoni u dan stante l-fatt illi r-reat ma setax jissussisti minhabba li l-falsifikazzjoni kienet wahda grossolana u li ma setghet qatt tqarraq b' dak li jkun.

Illi li l-falsifikazzjoni kienet wahda grossolana jirrizulta mill-provi producibbli mill-prosekuzzjoni stess fosthom mix-xhieda ta' PC 30 Malcolm Cachia u WPC 357 fejn dawn sostnew li  wiehed seta' facilment jinduna li d-dokument kien counterfeit.

Illi fis-sentenza **il-Pulizija vs Stephen Osei Boateng** [1], kif ukoll fis-sentenza **The Police (Inspector Frank Anthony Tabone) vs Tomas Mikalauskas**[2] kien gie ritenut illi:

> *"However while the possibility of causing harm or fraud is not a constituent element of the crime of forgery of public document,* ***the possibility to deceive is deemed to be an essential ingredients in crime of forgery*** *whether in relation to* ***both private and public documents."***

Illi ghalhekk bir-rispett l-esponenti umilment issostni li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata fil-konkluzjoni taghha meta sostniet li f' dokumenti ta' xejra pubblici d-difiza tal-falz grossolan ma tistax treggi u dan stante l-fatt illi kif gie ritenut fis-sentenzi hawn fuq indikati, **the possibility to deceive** huwa element essenzjali sabiex tinstab htija anke f' dokument pubbliku.

Semghet lill-partijeit jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2021.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jistqarr li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti. Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament

[1] Deciza fis-6 ta' Mejju 2015 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
[2] Deciza fill-11 ta' Ottubru 2016 mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[3]; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi[4]**; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace[5]**; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit[6]** u ohrajn.)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **R. v. Cooper** [7] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza **s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968**) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392).

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt[8]**, inghad illi :-

---

[3] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1995
[4] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989
[5] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-31 ta' Mejju 1991
[6] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-31 ta' Mejju 1991
[7] ([1969] 1 QB 276)
[8] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru, 1994

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzjoni ta' htija.

Illi ghalhekk din il-Qorti qabel xejn trid tezamina x-xhieda prodotta.

Illi nhar il-5 ta' Lulju, 2019 xehed **l-Ispettur Frankie Sammut** u dan spjega li nhar is-6 ta' Gunju, 2019 kien gie infurmat mill-ufficjali tal-Ajruport Internazzjonali ta' Hal Luqa u cioe minn PC 30 Malcolm Cachia li kien gie mgharraf mill-Air Malta li kien hemm xi persuni abbord ajruplan tal-Air Malta li kien sejjer lejn Brussell fuq titjira KM 422 fejn dawn kellhom suspett li setghu kellhom xi dokumenti li ma kienux jappartjenu lilhom.

Skont informazzjoni moghtija lilu minn PC 30, il-persuna kien diga` fuq l-ajruplan u sakemm hareg fuq l-apron, jigifieri fuq ir-runway hdejn l-ajruplani tal-Air Malta, kienu diga` nizzlu erba' passiggieri. Tnejn minnhom harbu qabdu jigru fuq ir-*runway* u qabzu lejn in-naha tal-mina taz-Zurrieq waqt li z-zewg persuni l-ohra dak il-hin gew identifikati bid-dokumenti taghhom bhala Jadid Tuifik u Barinut Muhammed. L-ohrajn sfortunatament ma rrintraccjawhomx. Iz-zewg persuni li gew mizmuma mill-pulizija baqghu jobdu l-ordnijiet tal-pulizija u mxew maghhom ghal gol-ufficju tal-immigrazzjoni gewwa l-ajruport.

Waqt l-investigazzjoni rrizulta li z-zewg persuni kienu qed jaghmlu uzu minn dokumenti foloz. Wiehed minnhom kien diga` tressaq il-qorti u li kien qed jaghmel uzu ta'permess ta' residenza Taljana u dokument Taljan li huma *counterfeit* jigifieri foloz bl-isem ta' Jadid Tuifik. Il-kaz tieghu kien gja gie deciz. Huwa pprezenta dawn id-dokumenti konsistenti f'passaport u residence permit foloz tal-imputat il-Qorti li gie markat bhala dok Dok FS1. Dawn id-dokumenti gew mghoddija lill-esperti forensici taghhom, document experts tas-sezzjoni tal-Forensika. Huwa pprezenta ukoll kopja tar-rapport maghmul minn WPC 357 Susan Vella. Din iccertifikat li d-dokumenti li gew ipprezentati huma foloz u dawn gew markati bhala Dok FS 2 mgharuf bhala 'forensic report'.

Wara ftit il-persuna kkooperat maghhom bis-shih. Il-pulizija sejhet l-interpretu Donia Borg biex tassistihom waqt li tkelmu mal-appellant. Irrizultalhom li kellu sbatax-il sena u ommu kienet tirrisjedi hawn Malta. Wara dan tahom il-passaport tieghu proprju Marokkin mahrug fuq Nagah Yassine li gharaf fl-awla. Dan kellu numru tal-passaport FC5653892. Huwa pprezenta kopja tad-dokument originali tieghu, u pprezenta d-dokument *animo ritirandi* tieghu biex ikun nista' jerga' jigbru wara. Ix-xhud esebixxa ukoll kopja tal-passaport originali tal-imputat Dok FS 3.

Ikkonferma li din il-persuna kienet tresqet il-Qorti fis-6 ta' Gunju, 2019 quddiem il-Magistrat Claire Stafrace Zammit, fejn il-persuna l-ohra ammettiet u nghatat piena waqt li l-akkuzat ma ammettiex u intbaghat il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Mistoqsi jekk kienx hu li eleva id-dokument allegatament falz minn fuq il-persuna tal-appellant

jghid li le. Spjega li l-ufficcju tieghu qieghed id-Depot u gie infurmat li hemm persuna li nqabdet b'xi dokument fil-pussess taghha. Id-dokument jiehduh il-pulizija tal-immigration stazzjonati l-Airport, li jkunu fuq il-post imbaghad jinghad lilu flimkien mal-persuna koncernata. Mistoqsi jekk hax xi stqarrija ta' l-appellant jghid li ma hax. Dwar l-allegat reat ma staqsih xejn staqsih biss ftit domandi mhux inkriminanti bhal kemm ghandu zmien, u jekk riedx icempel lill-ommu biex jinfurmaha b'dak li kien ghaddej.

Fl-24 ta' Lulju, 2019, ix-xhud ipprezenta l-passaport originali tal-appellant liema passaport gie markat bhala Dok FS 4 *animo ritirandi* imma ghalissa jista' jibqa' fil-process.

**PC 30 Malcolm Cachia,** ikkonferma li fis-6 ta' Gunju, 2019 kien xoghol ta' bil-lejl l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, filghodu ghal habta tal-hamsa u kwart mar rapprezentant tal-Air Malta u b'zewg passiggieri, ghax kellhom suspett illi l-passaporti taghhom kienu foloz. Dawn kienu sejrin lejn Brussels u waqqfuhom fil-gate huma u hergin. Huma raw il-passaporti fejn mill-ewwel kienu jindikaw illi ma kienux genwini. Infurmaw mill-ewwel lill-Ispettur iktar investigazzjonijiet. Sadanittant wara qisu xi 5 sa 7 minuti dan ir-rapprezentant ircieva telefonata ohra li kienet minghand is-supervisor tal-ajruplan tal-Air Malta li kien qed jiehu hsieb il-flight, ghax kellhom suspett li kien hemm zewg passiggieri ohra abbord l-ajruplan li kienu l-istess. Ghalhekk talbu l-assistenza taghhom.

Il-kollega tieghu Valentina Schembri baqghet l-ufficju ma dawk iz-zewg passiggieri li kienu gja hadu ghandhom waqt li huwa mar jara x'kien hemm fuq l-ajruplan. Meta kien vicin li jasal ghamillu sinjal rapprezentant tal-Air Malta li kienu harbu. Kienu nizzluhom minn fuq l-ajruplan biex ma joholqux kommossjoni u kif sabu ruhhom barra taw is-salt u grew kemm felhu. X'hin wasal hdejn l-ajruplan kull ma ra kienu zewg persuni 'l boghod hafna jigifieri jigru kienu taru minn fuq ir-runway jigru. Jaf li wiehed kien liebes flokk abjad u l-iehor flokk ahmar pero` ma rax wicchom.

Mistoqsi jekk jgharafx lill-appellant jghid li jafu bhala l-ewwel persuna li kienu gabu l-ufficcju. Kien wiehed minn dawk it-tnejn li kienu hadu l-ufficju. L-ohrajn li kienu

fuq l-ajruplan ma rahomx, rahom biss mill-boghod. Mistoqsi jekk marx jigri warajhom jghid li le ghaliex kienu wisq 'l boghod. Huwa nforma l-Airmata, l-MIA u control room.

Muri d- dokument immarkat Dok FS 1 a fol 8, jghid iva u li dan huwa l-istess dokument li ra dakinhar meta r-rapprezentant tal-Air Malta akkompanja l-akkuzat ghandu. Ikkonferma in kontro-ezami li meta mar l-ufficjal tal-Air Malta dan mar b'zewg passiggieri mieghu. Jghid li poggihom fl-ufficcju tieghu bil-qieghda sakemm komplew bl-investigazzjoni. Muri d-dokument FS1 u mistoqsi jekk il-pagna fejn kien hemm ir-ritratt kienx genwin jghid li ma hux u hu ovvju ghaliex anke it-tipa hija bil-printing doppju.

Jghid li meta gie mgharraf b'dan il-kaz l-akkuzat kien gja boarding it-titjira u meta waslu biex juru d-dokumenti lir-rapprezentanti tat-tijira dawn gihom suspett, induna mill-ewwel.

Mistoqsi jekk kellimhomx jghid li iva talbuhom ghall-passaport il-proprju ma waslu mkien u ghalhekk infurmaw lill-Ispettur biex jintensifikaw l-investigazzjonijiet. Qal li dawn ma ammettewx u ma kkooperawx. Meta mar hdejn l-ajruplan, wahdu mar ghaliex il-kollega tieghu baqghet l-ufficcju ma dawk iz-zewg min nies. Qal li meta harbu dawk iz-zewg min nies taw *hand over* lill-ispettur biex setgha jiehu dawk iz-zewg min nies li kien fl-ufficcju lejn il-Kwartieri Generali ghal iktar investigazzjonijiet min-naha tieghu. Dan sehh ghall-habta tas-6.15a.m. Ikkonferma ukoll li l-okkorenza a fol 5. Hija *hand written* u imhejja minnu u ffirmata mill-kollega tieghu WPC 235 Valentina Schembri.

**WPC 357 Susan Vella** tghid li fit-18 ta' Gunju, 2019, l-Ispettur Frankie Sammut gabilha zewg dokumenti Taljani, wiehed *travel document for foreigners u residence permit*. Xoghlha hu li ticcekkja dawn id-dokumenti humiex awtentici jew le. Hija ghamlet l-ezamijiet taghha u ovvjament id-dokumenti li taha l-Ispettur qablithom ma dokumenti originali ma specimens li kienu gejjin minn Ambaxxati u minn pajjizi skont id-dokument ta' fejn ikun u qabblithom ma xulxin u mir-rizultati li harget ikkonkludiet li d-dokumenti huma *counterfeit* jigifieri huma ivvintati mill-bidu sal-ahhar. Murija d-

dokument a fol 9 immarkat bhala Dok FS 2, tghid li gie redatt minnha. Murija d-dokument markat bhala  Dok FS 1 ipprezentat mill-Ispettur Frankie Sammut tikkonferma li dawn kienu d-dokumenti li hadmet fuqhom.

Fir-rapport taghha mmarkat bhala Dok FS 2, hija  taghmel analizi ta' diversi fatturi li minnhom ikkonkludiet li huma *counterfeit*, jigifieri *water mark*, il-printing tan-numbers, it-toqob tghidilhom hi huma foloz. Mistoqsi jekk taqbilx li jekk tigi murija l-passaport u appuntu murija l-pagna ta' fejn hemm ir-ritratt u d-dettalji, "*dan ma kellu bzonn l-ebda analizi forensika biex wiehed jinduna li fil-fatt dan huwa falsifikat ghax anke t-tipa tidher li hija doppja*." Twiegeb fl-affermattiv, u tikkwalifika li min ma jkunx jifhem fuq dawn l-affarijiet mhux ha jinduna.

Ikkonfermat li bniedem bi passaport normali qatt ma jkollu printing li huwa doppju qisu ghandek double vision.

Spjegat li hija ghamlet l-analizi fuq il-passaport kollu avolja mad-daqqa t'ghajn dehrilha mill-ewwel li kien falz. Mistoqsija jekk ghandhiex kwalifiki ghal dan ix-xoghol tghid li hadet  diversi courses mas-Sipol, mal-Frontex mal-ID centre ta' Amsterdam jigifieri tista' tghid li ghandha kull kwalifika li hija necessarji biex taghmel dawn l-ezamijiet.

Ikkunsidrat:

Illi  minkejja li ma hux qed jigi kontestat li d-dokumenti li kien qed igorr l-akkuzat nhar is-6 ta' Guju 2019 kienu foloz kif del resto kkonfemat WPC 357 Susan Vella, meta kkonkludiet li "*from the examiantions caried out on the documents that include italian travel document for foreigners and the Italian residence Permit card are both counterfeit*" l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti stante li jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-falsita in kwisjtoni kienet wahda grossolana u ghahekk ma setghetx tqarraq lil dak li jkun.

Illi bhala fatti jirrizulta s-segwenti:-

1. L-appellant instab nhar is-6 ta' Gunju, 2019 abbord titjira tal-Airmalta sejjer lejn Brussels waqt li kien qed jghamel uzu min dokument ta' residenza Taljana u dokument iehor (titolo di viagio per stranieri u permesso di soggiorno) li kienu f'isem haddiehor u cioe f'isem Jadid Toufik. Illi minn dak li stqarru WPC 357 u PC 30 wiehed seta jinduna li d-dokumenti kienu foloz facilment. In segwitu l-appellant gie arrestat u mressaq il-Qorti. Statement ma ttihidx stante li huwa kien ghadu minuri u l-Ispettur Frankie Sammut ma hassx il-bzonn f'dawk ic-cirkostanzi stante li l-appellant ikkoopera maghhom.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Sammut**[9] gie ritenut li fil-ligi taghna u fuq l-iskorta tad-dottrina kontinentali, il-falsifikazzjoni "*falz materjali, tista ssir sew billi jigu falsifikat dokument, kollu jew parti, kif wkoll billi jigi alterat d-dokument genwien.*"

Fi kliem iehor, **Sir Anthony Mamo** fl-appunti tieghu jghid:

> "*Our Criminal Code like the models on which it was originally framed, does not give a general definition of forgery, only in respect of certain of the crimes of forgery of public and private writings it specifies the special ways in which the particular crimes may be committed. In two ways may in general a forgery be committed; either by making in whole or in part a false document (counterfoiling) or by altering a genuine document* "

**Francesco Antolisei** fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale[10] jghid:

> "*In genere il termine falso e' precisamente alla differenza tra non genuinita e non veridicita. Secondo l'insigne autore. Il falzo materiale si ha quando il documento non e' genuino, Il falzo ideologico allorche il documento e' bensi genuino ma non e'veridico perche colui che lo*

[9] Moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Marzu, 1999
[10] para 135 of 1977 Ediz.

*ha formato gli fa dire cose contrarie al veroPer alterazione si devono intendere le modificazioni di qualsiasi specie (agguinte, cancellate, ecc) che al documento autentico vengono apportate dopo le sue definitive formazioni.*"

**Kenny** l-awtur ingliz fil-ktieb **Outlines of Criminal Law**[11] jaghti definizzjoni tal-kelma 'falsifikazzjon'i. Huwa jghid:

"*It has been stated that a document is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which is not. The simplest and most effective phrase by which to express this rule is to state that for the purposes of the law of forgery the writing must tell a lie about itself.*"

Skond **Glanville Williams** l-awtur fil-ktieb tieghu **Textbook of Criminal Law**[12] jghid illi huwa necessarju illi:

"*the maker must make the document 'in order that it may be used as genuine and secondly, there must be at least the intent to deceive.' The second requirement renders the first ortiose*".

L-awtur taljan famus **Mirto** fil-ktieb tieghu **La Falsita` in Atti**[13] jghid:

"*Il delitto di falsita` in atti si imputa soltanto a titolo di dolo. E` questa un assunto costante della dottrina e della pratica sin dalla antichita`, la quale aveva formulato il principio non nisi dolo mal falsum.*"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dr. Michael A. Borg M.D**[14] il-Qorti ghamlet referenza ghal zewg sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) u cioe'

[11] pg. 239
[12] Taht il-Kapitolu 40 Forgery a fol. 86
[13] f'pagna 467
[14] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Ottubru 2007

**Pulizija vs Paul Galea**[15] u **Pulizija vs Paul Muscat** [16] fejn il-Qorti spjegat id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku u fejn gie stabbilit li l-Artikolu 189 jirreferi ghall-falz materjali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Paul Muscat** appena citata l-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ghall-ispjegazzjoni li nghatat mill-gurista **Francesco Antolisei** dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku li hija s-segwenti.

> *"Allo scopo di precisare la distinzione, il Manzini (conformemente, del resto, alla migliore dottrina straniera) si e' richiamato ai due diversi significati che, come abbiamo posto in rilievo, assume in genere il termine 'falso', e precisamente alla differenza tra 'non-genuinita' e 'non-veridicita'. Secondo l'insigne autore il falso materiale si ha quando il documento non e' genuino; il falso ideologico allorche' il documento e' bensi' genuino, ma non e' veridico, perche' colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero."*

Illi l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat huma dawk ta'pussess ta' dokumenti foloz meta kien jaf li kienu ffalsifikati. Illi fir-rigward ta' dana r-reat, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falsita f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Illi meta wiehed ihares lejn l-akkuzi jirrizulta illi l-imputat huwa akkuzat bl-hekk imsejjah falz materjali kif ukoll bil-falz ideologiku. Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Paul Galea**" deciza fis-17 ta' Ottubru 1997:

> *"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali ddokument jigi ffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku ddokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm*

[15] Moghtija mill-Qorit tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta' Ottubru 1997
[16] Moghtija mill-Qorit tal-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Lulju 2004

*id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".*

Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …"

Illi fil-kaz in desamina il-prosekuzzjoni esebiet ir-rapport tal-espert WP 357 Suzanne Vella u strahet fuqu dwar il-falsita tad-dokumenti li kellu l-appellant. L-appellant fl-ebda hin ma jikkontesta l-kontenut ta' dan ir-rapport izda jghid li una volta l-falsita kienet wahda fil-fehma tieghu grossolana (li dwar dan il-Qori ghandha d-dubbji taghha ghaliex kien gja rnexxielu jahrab mit-Terminal tal-Airport meta nstab fuq l-ajruplan) allura ma jistax jinsab hati ta' dan l-ewwel reat u dan ghaliex id-dokumenti mertu tal-kawza ma kienux tant li ' can deceive' u skond is-sentenza citata mid-difiza **<u>il-Pulizija vs Stephen Osei Boateng</u>** [17] ' deceipt is one of the main ingriedients to this crime'.

Din il-Qorti, filwaqt li taqbel mad-difiza fir-rigward ir-regola generali li meta dokument ikun fih falsita grossolana ma tistax tinsab htija dan japplika biss meta il-falsita tkun fi skrittura privata. Fir-rigward ta' falsita grossolana f'dokument pubbliku, ir-reat jissustissi xorta kif korroborat ukoll mis-sentenza citata minn l-Ewwel Qorti fl-ismijiet il-**<u>Pulizija vs Annabelle Camilleri nee Monreal</u>**[18]. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Jeffrey Busuttil</u>** [19] saret ukoll referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet f **<u>Il-Pulizija vs Paul Bonnici</u>**[20]

[17] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal nhar is- 6 ta' Mejju 2015
[18] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Lulju 2020
[19] Moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Frar 2014
[20] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Gunju 1961

*Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li f'materja ta' falsifikazzjoni ta' dokumenti l-iskriminanti tal-grossolanita tal-falsifikazzjoni ma hix applikabbli meta l-falsifikazzjoni tkun saret f'dokument publiku.*

Certament dokument ta' residenza Taljana u dokument iehor imsejjah '*titolo di viagio per stranieri u permesso di soggiorno*' huma dokumenti pubblici u ghalhekk mhux il-kaz li tigi nvestigata l-potenzjalita` li d-dokumenti in kwistjoni jistghu jqarrqu.

Illi ma hemmx dubju li tali dokumenti ma kellhomx ikunu fil-pussess tal-appellant u dan gie provat mill-prosekuzzjoni stante li tali dokumenti jghajtu lil haddiehor u ghalhekk sewwa ghamlet l-Ewwel Qorti li sabitu hati tat-tielet akkuza.

Dwar l-aggravju tal-piena l-Qorti rat li l-appellant ghandu fedina penali netta u li kellu biss sbatax-il sena meta kkometta r-reati in kwistjoni u ghalhekk hija tal-fehma li piena karcerarja effettiva hija oneruza f'dawn ic-cirkostanzi minkejja li taqa' fil-parametri tal-ligi u ghalhekk filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward ta' l-akkuza fejn ma sabitux hati u illiberatu minnha u fir-rigward ta' l-ewwel u t-tielet akkuza fejn sabitu hati pero qeghda tirrevokaha fir-rigward tal-piena imposta b'dan illi qeghda tordna li l-piena karcerarja ta' erba' xhur imposta mill-Ewwel Qorti tigi sospiza ghall-perjodu ta' sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Penali.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur